MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Numru. 847/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
JSOEPH SPITERI
REGINALD STEVEN SIVE REGINALD CUSHING

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Spiteri ta' 27 sena, iben John u Censina nee Micallef, imwieled Mtarfa nhar id-19 ta' April 1976 u li joqghod Harmony, Triq Ta' Giorni, San, Giljan u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 200176M u Reginald Steven sive Reginald Cushing, ta' 22 sena iben John u Carmen nee Bugeja, imwieled Pieta nhar is-16 ta' Marzu 1981 u li joqghod In Harmony, Triq San Pawl, Zurrieq detentur tal-karta tal-identita bin-numru 149681M talli fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Settembru 2003 u l-4 ta' Settembu 2003, ghal habta tal-12.15 ta' filghodu f'Bahar ic-Caghaq, ikkommettew serq ta' oggetti, ikkwalifikat bil-hin kif wkoll bil-mezz, u li

sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem Leisure and Theme Park Ltd.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-17 ta' Novembru 2003 fejn l-imputati ammettew ghall-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom fuq l-ewwel akkuza il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-ewwel akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 250 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberahom minghajr kondizzjoni filwaqt li ssibhom mhux hatja tat-tieni akkuza u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------